# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar 2016**

**Rikors Numru 256/15 FDP**

**John David Baraldi**
**(ID 141115A)**

**vs**

**Geoffrey Xerri**
**(ID 525378M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Awissu 2015 fejn l-attur talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' ghaxart elef, sitt mitt Euro (€10,600) rapprezentanti hlas rigwardanti xoghol ta' appalt fil-fond residenzjali tieghu, liema xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti, u dana kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.

Bl-ispejjez kfi deskritti fl-avviz u bl-imghax mid-data tal-hlas sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-proceduri tal-affissjoni u dana billi twahhlet l-avviz u l-avviz tas-smiegh gewwa l-Kunsill Lokali Mosta, l-Ghassa tal-Pulizija, Mosta u fl-indirizz ta' l-intimat 220, Flat 3, Triq it-

Torri, Mosta (fol 8 tergo), kif ukoll l-avviz gie ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat 22 ta' Dicembru 2015 (fol 9) u fil-gazzetta l-Orizzont tal-15 ta' Jannar 2016 (fol 14)

Illi fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2016 l-attur ipprezenta kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 15).

Rat illi fis-seduta ta' llum, il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur ta' l-attur jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' ghaxart elef, sitt mitt Euro (€10,600) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**